MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
AUDREY DEMICOLI**

Seduta ta' l-1 ta' Gunju, 2010

Numru. 215/2010

Il-Pulizija
(Sp Pierre Micallef Grimaud)
vs
Tony Vikor Bezzina, iben Joseph, imwieled Oslo, Norveġja fit-18 ta’ April, 1969, Passaport norveġiż numru 27363385

Il-Qorti,
Rat l-akkuża kontra l-imputat talli f’dawn il-Gżejjer, fil-31 ta’ Mejju, 2010 u fil-jiem ta’ qabel:
Kellu fil-pussess tiegħu d-droga eroina speċifikata fl-ewwel skeda ta’ l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta’ Malta, meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġa mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-dispozizzjonijiet tar-4 u tas-6 Taqsima ta’ l-

Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għal użu tiegħu skont ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli ta' l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikolużi (G.N. 292 ta' l-1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali a tenur ta' l-artikolu 22(2) tal-kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bil-proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tal-1 ta' Ġunju, 2010 fejn l-imputat ammetta l-akkuża miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkuża miġjuba kontra tiegħu.  Rat l-artikoli 22(1)(a)(1F)(1G) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta.  Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sena mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------